

Brussell, 4 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

12830/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0231 (COD)

CLIMA 258
ENV 798
ENER 382
TRANS 388
AGRI 520
COMPET 638
ECOFIN 776
CODEC 1505

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 12334/17	
Nru dok. Cion:	11483/16 + ADD 1 - COM(2016) 482 FINAL
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti u biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għar-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima (L-ewwel qari) - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-laqgħa tiegħu tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 għall-Unjoni Ewropea u approva mira vinkolanti tal-UE għal tnaqqis domestiku ta' mill-inqas 40% ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 meta mqabbla mal-1990¹. Din il-mira tirrappreżenta wkoll l-Kontribut Maħsub Determinat fil-Livell Nazzjonali (INDC) tal-UE u l-Istati Membri tagħha, li ġie ppreżentat lill-UNFCCC fis-6 ta' Marzu 2015.

¹ Dok. EUCO 169/14

2. Fl-20 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni adottat żewġ proposti leġiżlattivi dwar il-kontribut tas-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS għall-isforz globali: dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 ("Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi")², u dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 ("Regolament LULUCF")³.
3. Il-proposta għal Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR) tistabbilixxi l-miri nazzjonali għat-tnaqqis abbażi tal-PDG per capita relattiv, filwaqt li l-miri għall-Istati Membri bi PDG per capita 'l fuq mill-medja tal-UE ġew aġġustati biex jirriflettu l-kosteffettività f'dak il-grupp. Il-proposta żżomm il-flessibbiltajiet eżistenti (banek u self, trasferimenti bejn l-Istati Membri), u tipproponi żewġ flessibbiltajiet ġodda: użu limitat tat-tneħħija netta minn ċerti kategoriji ta' kontabbiltà tal-LULUCF lejn il-miri fis-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi; u l-possibbiltà li ċerti Stati Membri li jużaw numru limitat ta' kwoti tal-ETS (total ta' EUR 100 miljun) biex jiġu kkompensati emissjonijiet fis-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi.
4. Fl-14 ta' Ġunju 2017, il-Parlament Ewropew ivvota favur 48 emenda għall-proposta tal-Kummissjoni.
5. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni taw l-opinjoni tagħhom fl-14 ta' Diċembru 2016 u fit-22-23 ta' Marzu 2017, rispettivament.
6. Il-Kunsill (Ambjent) ddiskuta l-proposta, flimkien mal-proposta dwar ir-Regolament LULUCF, fi tliet okkażjonijiet. L-aħħar diskussjoni saret fid-19 ta' Ġunju 2017 abbażi ta' rapport ta' progress imħejji mill-Presidenza Maltija⁴.

² Dok. 11483/16 + ADD 1 + ADD 2 + ADD 3.

³ Dok. 11494/16 + ADD 1 + ADD 2 + ADD 3.

⁴ Dok. 9861/17

7. Il-Presidenza Estonjana issoktat b'ħidma intensiva fuq il-proposta. Fis-27 ta' Settembru 2017, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Coreper) eżamina t-test ta' kompromess ġdid tal-Presidenza⁵. Kien hemm appoġġ ġenerali għall-għan li jintlaħaq approċċ ġenerali fil-Kunsill u għat-test tal-Presidenza bħala bażi għad-diskussjoni fil-Kunsill. Wara d-diskussjoni fil-Coreper, il-Presidenza għamlet biss bidla waħda fit-test, li hija mmarkata b' **tipa grassa sottolinjata** fil-premessa 2 (il-bidliet preċedenti għall-proposta inizjali tal-Kummissjoni huma sottolinjati).
8. It-test ser ikun ippreżentat lill-Kunsill (Ambjent) għad-diskussjoni fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2017, bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

9. Il-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' gassijiet serra għall-2030, espressi bħala perċentwali fl-Anness I tal-proposta tal-Kummissjoni, ġeneralment ma kienx hemm dubji dwarhom matul id-diskussjonijiet fi ħdan il-Kunsill. Minflok, sabiex jiġi żgurat il-bilanċ globali tal-proposta, id-diskussjonijiet ikkonċentraw mill-bidu fuq l-elementi ċentrali l-oħra tagħha: il-punt tat-tluq għat-trajettorja ta' tnaqqis lineari (l-Artikolu 4), il-flessibilità LULUCF (l-Artikolu 7 u l-Anness III), il-flessibilità ta' darba (l-Artikolu 6 u l-Anness II), u l-aġġustament tal-allokazzjoni għal ċerti Stati Membri (l-Artikolu 10(2) u l-Anness IV).
10. Ġew diskussi għadd ta' approċċi alternattivi għall-proposta tal-Kummissjoni dwar xi wħud minn dawk l-elementi ewlenin iżda ma kienx hemm appoġġ sinifikanti. Sabiex tipprova tagħti spinta lid-diskussjonijiet, il-Presidenza Maltija introduċiet element ġdid għall-proposta fil-forma ta' riżerva ta' sikurezza (Artikolu 10a ġdid). Ir-riżerva ta' sikurezza proposta għandha l-għan li tindirizza t-tħassib ta' għadd ta' Stati Membri mingħajr ma tibdel l-elementi ċentrali tal-proposta tal-Kummissjoni. Fil-laqgħa tal-Kunsill f'Ġunju 2017, id-delegazzjonijiet laqgħu l-isforzi tal-Presidenza u ħafna minnhom irrikonoxxew l-approċċ propost bħala triq 'il quddiem.

⁵ Dok. 12334/17

11. Għaldaqstant, matul il-Presidenza Estonjana, il-ħidma ffukat fuq il-kjarifika tad-dispożizzjonijiet dwar il-funzjonament tar-riżerva ta' sikurezza, inkluż id-daqs tagħha u l-kondizzjonijiet għal aċċess għaliha. Ir-riżerva ta' sikurezza proposta ser tkun disponibbli fl-2032 għal Stati Membri inqas sinjuri li jaqbżu l-miri tagħhom għall-2013-2020 u li jkollhom problema jilhq u l-miri tal-emissjonijiet tagħhom għall-2030, anki wara l-użu ta' flessibbiltajiet oħra. Ir-riżerva ta' sikurezza hija bbażata fuq il-prinċipju li ma ddgħajjifx l-ilħuq tal-mira ta' tnaqqis tal-Unjoni ta' 30 % ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għas-sena 2030 fis-setturi koperti minn dan ir-Regolament.
12. Il-Presidenza temmen li r-riżerva ta' sikurezza, kif proposta attwalment, tindirizza t-tħassib ta' ċertu numru ta' Stati Membri b'mod ġust u bbilanċjat mingħajr ma ddgħajjef l-integrità ambjentali tal-proposta tal-Kummissjoni. Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet jistgħu fil-prinċipju jappoġġaw ir-riżerva ta' sikurezza. Madankollu, ħafna minnhom indikaw li l-appoġġ tagħhom jingħata bil-kundizzjoni li l-elementi ċentrali l-oħra tal-proposta tal-Kummissjoni ma jinbidlux. Id-daqs massimu tar-riżerva jibqa' l-kwistjoni miftuħa ewlenija u għalhekk iċ-ċifra ssuġġerita mill-Presidenza (100 miljun) tibqa' fil-parentesi kwadri: xi delegazzjonijiet jissuġġerixxu li iċ-ċifra għandha tkun ogħla filwaqt li oħrajn huma kontra kull żieda, jew jappoġġaw ċifra aktar baxxa.
13. Ftit delegazzjonijiet li ma jaqblux mal-punt tat-tluq għat-trajettorja proposta mill-Kummissjoni jqisu li r-riżerva ta' sikurezza ma tindirizzax b'mod adegwat it-tħassib tagħhom. Delegazzjoni waħda reċentement ipproponiet aġġustament għall-allokazzjonijiet għal grupp speċifiku ta' Stati Membri f'ċirkostanzi eċċezzjonali, li ser jiżdiedu mal-aġġustament previst fl-Artikolu 10(2). Delegazzjoni oħra ssuġġeriet li tkun permessa ridistribuzzjoni tal-flessibbiltà LULUCF lil ċerti Stati Membri jekk jintuża anqas mill-ammont totali ta' 280 miljun ta' assorbimenti netti għall-konformità fil-qafas tal-ESR matul il-perjodu 2021-2030.

14. Matul id-diskussjoni tal-Coreper fis-27 ta' Settembru, iż-żewġ proposti msemija hawn rċewew l-appoġġ ta' diversi delegazzjonijiet. Madankollu, għadd ta' delegazzjonijiet oħrajn daħħlu riżervi ta' skrutinju rigward il-proposti l-ġodda filwaqt li oħrajn kienu mħassba peress li dawn ineħħu l-bilanċ delikat tat-test tal-Presidenza u ppreferew li jżommu t-test kif ġie ppreżentat lill-Coreper. Għalhekk, il-Presidenza ddeċidiet li tippreżenta t-test ta' kompromess l-aktar reċenti tagħha b'tibdiliet minimi għad-diskussjoni fil-Kunsill.

IV. KONKLUŻJONI

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden jadotta approċċ ġenerali abbażi tat-test kif jinsab fl-Anness għal din in-nota, li ser jikkostitwixxi l-bażi għal negozjati futuri mal-Parlament Ewropew dwar din il-proposta fil-kuntest tal-proċedura legiſlattiva ordinarja.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti u biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 [...]

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea⁶,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁷,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁸,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

- (1) Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew [...] tat-23-24 ta' Ottubru 2014 dwar il-qafas ta' politika tal-2030 għall-klima u l-enerġija, ġiet approvata mira vinkolanti ta' tnaqqis domestiku ta' mill-inqas 40 % f'emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-setturi ekonomiċi kollha sal-2030 meta mqabbel mal-1990, u dan ġie kkonfermat mill-ġdid fil-konklużjonijiet tas-17-18 ta' Marzu 2016 tiegħu. [...]

⁶ ĠU C , , p. .

⁷ ĠU C , , p. .

⁸ ĠU C , , p. .

- (2) Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' Ottubru 2014 ġie ddikjarat li jenħtieġ li l-mira tintlaħaq b'mod kollettiv mill-Unjoni bl-aktar mod kosteffikaċi possibbli, bit-tnaqqis kemm fl-Iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni ("EU ETS") stabbilita fid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ kif ukoll fis-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS, li jammonta rispettivament għal 43 % u 30 % sal-2030, meta mqabbel mal-2005 [...]. Jenħtieġ li s-setturi kollha tal-ekonomija jikkontribwixxu għall-kisba ta' dan it-tnaqqis fl-emissjonijiet, u jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jipparteċipaw f'dan l-isforz filwaqt li jsibu bilanċ bejn kunsiderazzjonijiet ta' ġustizzja u ta' solidarjeta'. Jenħtieġ li l-metodoloġija biex jiġu stabbiliti l-miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għas-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS, flimkien mal-elementi kollha applikati fid-Deċiżjoni 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰, ikompli sal-2030 bit-tqassim tal-isforzi abbażi tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) per capita. L-Istati Membri kollha ser jikkontribwixxu għat-tnaqqis globali tal-UE fl-2030 b'miri li jvarjaw bejn 0% u -40% meta mqabbla mal-2005. Jenħtieġ li l-miri nazzjonali fi ħdan il-grupp tal-Istati Membri bi PDG per capita 'l fuq mill-medja tal-Unjoni jiġu aġġustati relattivament biex jirriflettu l-kosteffikaċja b'mod ġust u bbilanċjat. Il-kisba ta' dan it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għandha tagħti spinta lill-effiċjenza u l-innovazzjoni fl-ekonomija Ewropea, u b'mod partikolari għandha tippromwovi t-titjib, b'mod partikolari fil-bini, fl-agrikoltura, fil-ġestjoni tal-iskart u fit-trasport, dment li dawn jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

⁹ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

¹⁰ Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136).

- (3) Dan ir-Regolament jimplimenta wkoll il-kontributi tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi¹¹ adottati skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ("UNFCCC"), li ġiet rratifikata, fisem l-Unjoni fil-5 ta' Ottubru 2016 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841¹². L-impenn tal-Unjoni favur it-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-setturi ekonomiċi kollha jinsab fil-kontribut maħsub determinat fil-livell nazzjonali [...] li ġie ppreżentat fid-dawl tal-Ftehim ta' Pariġi mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha lis-Segretarjat tal-UNFCCC fis-6 ta' Marzu 2015. Il-Ftehim ta' Pariġi daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016 u jissostitwixxi l-approċċ li ttieħed taħt il-Protokoll ta' Kjoto tal-1997 li mhuwiex ser ikompli lil hinn mill-2020.
- (4) [integrata fil-premessa 3]
- (5) It-transizzjoni lejn enerġija nadifa teħtieġ tibdil fl-aġir tal-investiment u inċentivi li japplikaw għall-firxa kollha tal-politika. Hija prijorità prinċipali tal-Unjoni li tistabbilixxi Unjoni tal-Enerġija reżiljenti biex tipprovdi enerġija sikura, sostenibbli, kompetittiva u affordabbli għaċ-ċittadini tagħha. Biex dan jinkiseb, jenħtieġ lil-azzjoni klimatika ambizzjuża tkompli permezz ta' dan ir-Regolament u billi jsir progress fir-rigward ta' aspetti oħra tal-Unjoni tal-Enerġija kif stabbilit fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titlu "Strateġija Qafas għal Unjoni dwar l-Enerġija B'Saħħitha għall-Bidla fil-Klima li Tħares 'il Quddiem"¹³.

¹¹ ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

¹² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1).

¹³ 6594/15 - COM(2015) 80 Final

- (6) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikopri l-emissjonijiet mill-kategoriji identifikati mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC), jiġifieri l-enerġija, il-proċessi industrijali u l-użu tal-prodotti, l-agrikoltura u l-iskart, kif iddeterminat skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴, minbarra l-emissjonijiet mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7 u 9(2) ta' dan ir-Regolament, l-attivitajiet koperti bir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [LULUCF]^{15**} ma għandhomx jiġu koperti b'dan ir-Regolament.
- (7) Id-data li qed tiġi rrapportata bħalissa fl-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra u fir-reġistri nazzjonali u tal-Unjoni mhijiex biżżejjed sabiex jiġu determinati, fil-livell tal-Istati Membri, l-emissjonijiet ta' CO₂ mill-avjazzjoni ċivili fil-livell nazzjonali li mhumix koperti bid-Direttiva 2003/87/KE. Meta tadotta l-obbligi tar-rapportar, l-Unjoni ma għandhiex timponi fuq l-Istati Membri u fuq l-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) piżijiet li huma sproporzjonati mal-għanijiet li jridu jintlaħqu. L-emissjonijiet ta' CO₂ minn titjiriet mhux koperti bid-Direttiva 2003/87/KE jirrappreżentaw biss parti żgħira ħafna tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra, u l-ħolqien ta' sistema ta' rapportar għal dawn l-emissjonijiet ikun ta' piż bla bżonn fid-dawl tar-rekwiżiti eżistenti għas-settur usa' skont id-Direttiva 2003/87/KE. Għalhekk, jenħtieġ li l-emissjonijiet ta' CO₂ mill-kategorija ta' sorsi tal-IPCC "1.A.3.A avjazzjoni ċivili" jiġu kkunsidrati uguali għal zero għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.
- (8) Jenħtieġ li t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' kull Stat Membru għall-2030 jiġi ddeterminat b'rabta mal-livell rivedut tiegħu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-2005 kopert b'dan ir-Regolament, minbarra l-emissjonijiet ivverifikati minn installazzjonijiet li kienu qegħdin jaħdmu fl-2005 u li ma ġewx inklużi fl-EU ETS qabel l-2005. Jenħtieġ li l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2021 sal-2030 jiġu ddeterminati abbażi tad-data ppreżentata mill-Istati Membri u analizzata mill-Kummissjoni.

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13).

¹⁵ Ir-Regolament .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra mill-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU ...).

* Ara d-dok. 11494/2016 [LULUCF].

- (9) Jenħtieġ li l-approċċ ta' limiti nazzjonali vinkolanti annwali adottat fid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE [...] ikompli mill-2021 sal-2030, u l-kalkolu tat-trajettorja jenħtieġ li jibda fl-2020 fuq il-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra matul il-perjodu mill-2016 sal-2018, u jintemm fl-2030 għal kull Stat Membru. Għall-Istati Membri li jkollhom kemm limitu pożittiv skont id-Deċiżjoni 406/2009/KE kif ukoll allokkazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet li jiżdiedu bejn l-2017 u l-2020 iddeterminati skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/162/UE¹⁶ u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/634/UE¹⁷, huwa previst aġġustament tal-allokkazzjoni fl-2021 biex jirrifletti l-kapaċità għal iktar emissjonijiet f'dawk is-snin. [...].
- (10) Tinħoloq flessibbiltà ġdida ta' darba sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-miri ta' dawk l-Istati Membri li għandhom miri nazzjonali ta' tnaqqis li huma ħafna oġhla mill-medja tal-Unjoni u oġhla mill-potenzjal tat-tnaqqis kosteffikaċi tagħhom, kif ukoll għal dawk l-Istati Membri li ma allokawx kwoti b'xejn lill-installazzjonijiet industrijali fl-2013 [...].

¹⁶ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/162/UE tas-26 ta' Marzu 2013 dwar kif għandhom jiġu ddeterminati l-allokkazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għall-perjodu mill-2013 sal-2020 skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 90, 28.3.2013, p. 106).

¹⁷ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/634 tal-31 ta' Ottubru 2013 dwar l-aġġustamenti fl-allokkazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2013 sal-2020 skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 292, 1.11.2013, p. 19).

- (10a) Punt tat-tluq ibbażat fuq il-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra matul il-perjodu mill-2016 sal-2018 ma jirrikonoxxi b'żżejjed l-isforzi preċedenti li saru mill-2013 minn daww l-Istati Membri li kellhom PDG per capita taħt il-medja tal-Unjoni fl-2013. Għalhekk jixraq li tiġi stabbilita riżerva ta' sikurezza limitata għal użu speċjali li tikkorrispondi għal mhux iktar minn [100] miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂, filwaqt li tinżamm l-integrità ambjentali ta' dan ir-Regolament kif ukoll l-inċentivi għal azzjonijiet tal-Istati Membri lil hinn mill-kontributi minimi skont dan ir-Regolament [...]. Jenħtieġ li r-riżerva tkun ta' benefiċċju għall-Istati Membri bi PDG per capita taħt il-medja tal-Unjoni fl-2013 u li l-emissjonijiet tagħhom jibqgħu taħt l-allokkazzjonijiet annwali tagħhom tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2013 sal-2020 u li, minkejja li jużaw flessibbiltajiet oħrajn previsti f'dan ir-Regolament, isibu diffikultà biex jilhqnu l-mira tagħhom għall-2030 b'rabta mal-emissjonijiet. [...] Riżerva ta' dan id-daqs tkopri parti sinifikanti mid-defiċit kollettiv **previst** tal-Istati Membri eliġibbli fil-perjodu mill-2021 sal-2030, mingħajr politiki addizzjonali, filwaqt li jinżammu l-inċentivi għal azzjoni addizzjonali. Jenħtieġ li r-riżerva tkun disponibbli għal daww l-Istati Membri fl-2032 [...], dment li l-użu tagħha ma timminax l-ilħuq tal-mira tal-Unjoni ta' tnaqqis ta' 30 % ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għas-sena 2030, fis-setturi koperti minn dan ir-Regolament.
- (11) Hemm firxa ta' miżuri tal-Unjoni li jtejbu l-kapaċità tal-Istati Membri li jissodisfaw l-impenji klimatiċi tagħhom u li huma kruċjali għall-kisba tat-tnaqqis meħtieġ tal-emissjonijiet fis-setturi koperti minn dan ir-Regolament. Dawn jinkludu leġislazzjoni dwar il-gassijiet serra fluworurati, it-tnaqqis ta' CO₂ mill-vetturi tat-triq, ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-ekonomija ċirkolari, kif ukoll strumenti ta' finanzjament tal-Unjoni għal investimenti relatati mal-klima.

(12) Ir-Regolament [LULUCF] jistabbilixxi regoli tal-kontabilità dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra relatati mal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF). Filwaqt li r-riżultat ambjentali skont dan ir-Regolament f'termini tal-livelli tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra huwa affettwat billi titqies kwantità ta' mhux aktar mis-somma tal-assorbimenti netti totali u l-emissjonijiet netti totali minn art deforestata, art forestali, raba' ġestita u bwar ġestiti kif definit fir-Regolament [LULUCF], jenħtieġ li tiġi inkluża flessibilità għal kwantità massima ta' 280 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ ta' dawn l-assorbimenti mqassma fost l-Istati Membri skont iċ-ċifri fl-Anness III, bħala possibbiltà addizzjonali biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jonoraw l-impenji tagħhom, fejn meħtieġ. L-ammont totali u t-tqassim fost l-Istati Membri jirrikonoxxu l-potenzjal ta' mitigazzjoni mnaqqas tas-settur tal-agrikoltura u tal-użu tal-art u kontribut xieraq tas-settur għat-trażżin u l-qbid tal-gassijiet serra. Fejn jiġu adottati l-atti ta' implimentazzjoni biex jiġu aġġornati l-livelli ta' referenza tal-foresti abbażi tal-pjanijiet kontabilistiċi nazzjonali tal-forestrija skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament [LULUCF], jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [...] biex jiġi rifless il-kontribut tal-kategorija kontabilistika tal-art forestali ġestita fil-flessibilità prevista minn dan ir-Regolament. Qabel ma tadotta dan l-att delegat, jenħtieġ li, abbażi tad-data disponibbli, il-Kummissjoni tevalwa kemm hi robusta l-kontabbiltà għall-art forestali ġestita u b'mod partikolari l-konsistenza tar-rati tal-ħsad previsti u daww reali. Barra minn hekk, skont [...]ir-Regolament [LULUCF] jenħtieġ li tkun permessa l-possibbiltà li l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet jiġihassru volontarjament biex dawn l-ammonti jkunu jistgħu jitqiesu meta tiġi vvalutata l-konformità tal-Istati Membri mar-rekwiżiti skont dak ir-Regolament [...].

(13) Sabiex jiġu żgurati r-rapportar u l-verifika effiċjenti, trasparenti u kosteffikaċi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' informazzjoni oħra meħtieġa biex jiġi vvalutat il-progress fir-rigward tal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri, jenħtieġ li r-rekwiżiti għar-rapportar u l-evalwazzjoni annwali skont dan ir-Regolament jiġu integrati mal-Artikoli rilevanti skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013. Jenħtieġ li dak ir-Regolament jiżgura wkoll li l-progress tal-Istati Membri fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ikompli jiġi evalwat kull sena, b'kont meħud tal-progress li jkun sar fil-politiki u l-miżuri tal-Unjoni u tal-informazzjoni mill-Istati Membri. Kull sentejn, l-evalwazzjoni jenħtieġ li tinkludi l-progress previst tal-Unjoni lejn l-onorar tal-miri tagħha ta' tnaqqis u tal-Istati Membri lejn it-twertiq tal-obbligi tagħhom. Madankollu, jenħtieġ li l-applikazzjoni tat-tnaqqis jitqies biss f'intervalli ta' ħames snin, biex ikun jista' jitqies il-kontribut potenzjali minn art deforestata, minn art forestali, minn raba' ġestita u minn bwar ġestiti, li jseħħ skont ir-Regolament [LULUCF]. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dmir tal-Kummissjoni li tiżgura l-konformità mal-obbligi tal-Istati Membri li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, jew għas-setgħa tal-Kummissjoni li tiftaħ proċedimenti ta' ksur għal dan il-għan.

(13a) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 525/2013 jiġi emendat skont dan.

(14) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23-24 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew sostna li jenħtieġ li d-disponibbiltà u l-użu ta' strumenti ta' flessibbiltà eżistenti fis-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS, jiżdiedu b'mod sinifikanti sabiex tiġi żgurata l-kosteffikaċja tal-isforz kollettiv tal-Unjoni u l-konverġenza tal-emissjonijiet per capita sal-2030. Bħala mezz biex tissaħħaħ il-kosteffikaċja globali tat-tnaqqis totali, għandu jkun possibbli li l-Istati Membri jittrasferixxu parti mill-allokazzjoni annwali tagħhom tal-emissjonijiet lil Stati Membri oħra. Jenħtieġ li tiġi żgurata t-trasparenza ta' dawn it-trasferimenti u li din titwettag b'mod li huwa konvenjenti għal kull parti, inkluż permezz tal-irkantar, ir-rikors għal intermedjarji tas-suq li joperaw bħala aġenti, jew permezz ta' arranġamenti bilaterali. Kwalunkwe trasferiment ta' dan it-tip jista' jkun ir-riżultat ta' proġett jew programm ta' mitigazzjoni tal-gassijiet serra li jitwettag fl-Istat Membru li jkun qed ibiegħ u li jiġi ffinanzjat mill-Istat Membru riċeventi.

- (15) L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp sostenibbli u li tgħin biex jinkiseb titjib sinifikanti u li jista' jitkejjel fl-ambjent billi tipprovdi informazzjoni f'waqtha, immirata, rilevanti u affidabbli lil dawk li jfasslu l-politika, lill-istituzzjonijiet pubbliċi u lill-pubbliku. Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tgħin lill-Kummissjoni, kif xieraq, skont il-programm ta' ħidma annwali tagħha.
- (16) Sabiex tiġi prevista kontabbiltà xierqa tat-transazzjonijiet skont dan ir-Regolament, inkluż l-użu ta' flessibbiltajiet u l-applikazzjoni ta' kontrolli tal-konformità, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tiġi żgurata l-preċiżjoni tal-kontabbiltà skont dan ir-Regolament permezz tar-Reġistru tal-Unjoni. Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet meħtieġa jiddaħħlu fi strument uniku li jikkombina d-dispożizzjonijiet dwar il-kontabbiltà skont id-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolament (UE) Nru 525/2013, ir-Regolament [LULUCF] u dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fuq il-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
- (17) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4 skont liema ser jiġu stabbiliti l-limiti annwali tal-emissjonijiet għall-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸.
- (18) Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għal oġġettivi nazzjonali iktar stretti.

¹⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (19) Jenħtieġ li kwalunkwe aġġustament fil-kopertura kif stabbilita fl-Artikoli 11, 24, 24a u 27 tad-Direttiva 2003/87/KE [...] jiġi mqabbel b'aġġustament korrispondenti fil-kwantità massima ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra koperti minn dan ir-Regolament. Konsegwentement, meta l-Istati Membri jinkludu l-emissjonijiet addizzjonali fl-impenji tagħhom skont dan ir-Regolament minn installazzjonijiet li preċedentement kienu koperti mid-Direttiva 2003/87/KE, jenħtieġ li dawk l-Istati Membri jimplimentaw politiki u miżuri addizzjonali fis-setturi koperti minn dan ir-Regolament sabiex jitnaqqsu dawk l-emissjonijiet.
- (20) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi rieżaminat mill-2024 'il quddiem u kull ħames snin wara din id-data, sabiex jiġi vvalutat il-funzjonament ġenerali tiegħu. Jenħtieġ li r-rieżami jikkunsidra, fost l-oħrajn, iċ-ċirkostanzi nazzjonali li jkunu qegħdin jevolvu u jieħu spunt mir-riżultati tad-Dialogu ta' Faċilitazzjoni tal-2018 u tal-Analiżi Globali skont il-Ftehim ta' Pariġi. Barra minn hekk, bħala parti mir-rappurtar regolari tagħha skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll ir-riżultat tad-Dialogu Faċilitattiv tal-2018.
- (21) Peress li l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari li jiġu stabbiliti obbligi fuq l-Istati Membri b'rispett għall-kontributi minimi tagħhom għall-mira tal-Unjoni ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-perjodu 2021 sa 2030, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tiegħu, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi obbligi fuq l-Istati Membri fir-rigward tal-kontributi minimi tagħhom [...] għall-perjodu mill-2021 sal-2030 biex jonoraw il-mira [...] tal-Unjoni li sal-2030, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jitnaqqsu bi 30 % taħt il-livelli fl-2005 fis-setturi koperti mill-Artikolu 2, kif ukoll regoli dwar id-determinazzjoni tal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet u għall-evalwazzjoni tal-progress li jkun sar mill-Istati Membri biex jilhq u l-kontributi minimi tagħhom.

Artikolu 2

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn kategoriji ta' sorsi tal-IPCC tal-enerġija, il-proċessi industrijali u l-użu tal-prodott, l-agrikoltura u l-iskart kif iddeterminati skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013, minbarra l-emissjonijiet mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE.
2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7 u 9(2) ta' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament ma japplikax għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u għall-assorbimenti koperti mir-Regolament [LULUCF].
3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-emissjonijiet ta' CO₂ mill-kategorija tas-sorsi tal-IPCC "1.A.3.A l-avjazzjoni ċivili" għandhom jiġu ttrattati bħala ekwivalenti għal zero.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

- (1) "Emissjonijiet ta' gassijiet serra" tfisser emissjonijiet f'termini ta' tunnellati ta' ekwivalenti għad-diossidu tal-karbonju (CO₂), metan (CH₄), ossidu nitruż (N₂O), idrofluworokarburi (HFCs), perfluworokarburi (PFCs), trifluworur tan-nitroġenu (NF₃) u eżafluworur tal-kubrit (SF₆) iddeterminati skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 u li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;
- (2) "Allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet" tfisser l-emissjonijiet tal-gassijiet serra massimi permessi għal kull sena bejn l-2021 u l-2030 iddeterminati skont l-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 10;
- (3) "kwota EU ETS" tfisser "kwota" kif iddefinita fil-punt (a) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/87/KE.

Artikolu 4

Valuri limitu annwali tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2021 sal-2030

1. Fl-2030, kull Stat Membru għandu jillimita l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu tal-inqas bil-perċentwal stabbilit għalih fl-Anness I għal dan ir-Regolament rigward l-emissjonijiet tiegħu fl-2005 ddeterminati skont il-paragrafu 3.
2. Soġġett għall-flessibbiltajiet previsti fl-Artikoli 5, 6 u 7 ta' dan ir-Regolament, għall-aġġustament skont l-Artikolu 10(2) ta' dan ir-Regolament u filwaqt li jitqies kull tnaqqis li jista' jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu f'kull sena bejn l-2021 u l-2029 ma jaqzbux il-valuri limitu ddefiniti minn trajettorja lineari, li tibda fl-2020 fuq il-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu matul l-2016, l-2017 u l-2018 iddeterminati skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u li tispiċċa fl-2030 fuq il-limitu stabbilit għal dak l-Istati Membru fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta [...] atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għas-snin mill-2021 sal-2030 f'termini ta' tunnelli ta' ekwivalenti għas-CO₂ kif speċifikat fil-paragrafi 1 u 2. Għall-finijiet ta' daw¹⁹k l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tad-data tal-inventarju nazzjonali l-aktar reċenti għas-snin 2005 u 2016 sa 2018 ippreżentat mill-Istati Membri skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013. Daw¹⁹k l-atti għandhom ukoll jindikaw il-valur għall-emissjonijiet tal-2005 ta' kull Stat Membru kif intużaw biex jiġu ddeterminati l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.
4. Daw¹⁹k l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw ukoll, abbażi tal-perċentwali nnotifikati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 6(2), il-kwantitajiet totali li jistgħu jitqiesu għall-konformità tal-Istat Membru skont l-Artikolu 9 bejn l-2021 u l-2030. Jekk is-somma tal-kwantitajiet totali tal-Istat Membri kollha taqbeż it-total kollettiv ta' 100 miljun, il-kwantitajiet totali għal kull Stat Membru għandhom jitnaqqsu fuq bażi *pro rata* sabiex ma jinqabiżx it-total kollettiv.
5. Daw¹⁹k l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13.

Artikolu 5

Strumenti ta' flessibilità biex jinkisbu l-valuri limitu annwali tal-emissjonijiet

- 1.¹⁹ Fir-rigward tas-snin 2021 sa 2025, Stat Membru jista' jissellef kwantità li ma taqbiżx 10 % mill-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għas-sena sussegwenti.
2. Fir-rigward tas-snin 2026 sa 2029, Stat Membru jista' jissellef kwantità li ma taqbiżx 5 % mill-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għas-sena sussegwenti.

¹⁹ Qabel kien il-paragrafu 2. It-test tal-paragrafu 1 preċedenti għandu jitħassar (peress li hu żejjed).

3. Stat Membru li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu għal sena partikolari jkunu taħt l-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għal dik is-sena, filwaqt li jitqies l-użu ta' flessibbiltajiet skont dan l-Artikolu u l-Artikolu 6, jista' jfaddal dik il-parti żejda tal-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għas-snin sussegwenti sal-2030.
4. Stat Membru jista' jittrasferixxi mhux iktar minn 5 % tal-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu ta' sena partikolari lil Stati Membri oħra. L-Istat Membru riċeventi jista' juża din il-kwantità għall-konformità skont l-Artikolu 9 għas-sena partikolari jew għal snin sussegwenti sal-2030.
5. Stat Membru li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra rieżaminati tiegħu għal sena partikolari jkunu taħt l-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għal dik is-sena, filwaqt li jitqies l-użu ta' flessibbiltajiet skont il-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 6, jista' jittrasferixxi dik il-parti żejda tal-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu lil Stati Membri oħrajn. L-Istat Membru riċeventi jista' juża din il-kwantità għall-konformità skont l-Artikolu 9 għal dik is-sena partikolari jew għal snin sussegwenti sal-2030.
- 5a. L-Istati Membri jistgħu jużaw id-dħul iġġenerat permezz ta' trasferimenti ta' allokazzjonijiet skont il-paragrafi 4 u 5 biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe azzjoni meħuda skont dan il-paragrafu.
- 5b. Kwalunkwe trasferiment skont il-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu jista' jirriżulta minn proġett jew programm ta' mitigazzjoni tal-gassijiet serra mwettaq fl-Istat Membru li jkun qed ibiegħ u li jiġi remunerat mill-Istat Membru riċeventi, filwaqt li jiġi evitat l-għadd doppju u tiġi żgurata t-traċċabbiltà.
6. L-Istati Membri jistgħu jużaw il-krediti minn proġetti maħruġa skont l-Artikolu 24a(1) tad-Direttiva 2003/87/KE għall-konformità skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, mingħajr ebda valur limitu kwantitattiv u filwaqt li jiġi evitat l-għadd doppju.

Flessibbiltà għal ċerti Stati Membri wara tnaqqis fil-kwoti EU ETS

1. L-Istati Membri elenkati fl-Anness II jista' jkollhom kanċellazzjoni limitata għal mhux iktar minn 100 miljun kwota EU ETS [...], li jitqiesu kollettivament għall-konformità tagħhom skont dan ir-Regolament. Dik il-kanċellazzjoni għandha ssir mill-volumi tal-irkantar tal-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/87/KE.
2. L-Istati Membri elenkati fl-Anness II għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2019 dwar kwalunkwe intenzjoni li jkollhom biex jagħmlu użu mill-kanċellazzjoni limitata ta' kwoti tal-EU ETS imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, sal-perċentwal elenkat fl-Anness II għal kull sena tal-perjodu mill-2021 sal-2030 għal kull Stat Membru kkonċernat, għall-konformità tiegħu skont l-Artikolu 9. L-Istati Membri elenkati fl-Anness II jistgħu jiddeċiedu li jirrevedu l-perċentwal notifikat preċedentement 'l isfel darbtejn matul il-perjodu, jiġifieri fl-2024 u fl-2027. F'tali każ, huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dik id-deċiżjoni sal-31 ta' Diċembru 2024 u, jekk ikun meħtieġ, sal-31 ta' Diċembru 2027.
3. Fuq talba tal-Istat Membru, l-Amministratur Ċentrali maħtur skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE ([...] "l-Amministratur Ċentrali") għandu jqis ammont li ma jaqbiżx it-total tal-kwantità msemmija fl-Artikolu 4(4) ta' dan ir-Regolament għall-konformità ta' daww l-Istati Membri skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament. Waħda fuq għaxxa tal-kwantità tal-kwoti tal-EU ETS iddeterminati skont l-Artikolu 4(4) ta' dan ir-Regolament għandha tiġi kkanċellata skont l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2003/87/KE għal kull sena mill-2021 sal-2030 għal dak l-Istat Membru.
4. Meta Stat Membru, f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, ikun innotifika lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tiegħu li jirrevedi l-perċentwal innotifikat preċedentement, kwantità ta' kwoti korrispondentement aktar baxxa għandha tiġi kkanċellata għal dak l-Istat Membru fir-rigward ta' kull waħda mis-snin 2026 sal-2030 u mill-2028 sal-2030, rispettivament.

L-użu addizzjonali ta' mhux aktar minn 280 miljun assorbiment nett minn art deforestata, art afforestata, raba' ġestita u bwar ġestiti

1. Sal-punt li emissjonijiet ta' Stat Membru jaqbżu l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tiegħu għal sena partikolari, kwantità ta' mhux aktar mis-somma ta' assorbimenti netti totali u l-emissjonijiet netti totali mill-kategoriji kombinati tal-kontabbiltà ta' art deforestata, art forestali, raba' ġestita u bwar ġestiti msemija fl-Artikolu 2 tar-Regolament [LULUCF] tista' titqies għall-konformità tiegħu skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament għal dik is-sena, sakemm:
 - (a) il-kwantità kumulattiva li titqies għal dak l-Istat Membru għas-snin kollha tal-perjodu mill-2021 sal-2030 ma taqbiżx l-ammont massimu stabbilit fl-Anness III għal dak l-Istat Membru;
 - (b) din il-kwantità taqbeż ir-rekwiżiti tal-Istat Membru skont l-Artikolu 4 tar-Regolament [LULUCF];
 - (c) l-Istat Membru ma akkwistax aktar assorbimenti netti skont ir-Regolament [LULUCF] mingħand Stati Membri oħra milli jkun ittrasferixxa; u
 - (d) l-Istat Membru kkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament [LULUCF].
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament biex temenda l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu sabiex ikun jirrifletti l-kontribut tal-kategorija kontabilistika tal-art forestali ġestita, fejn jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni biex jiġu aġġornati l-livelli ta' referenza tal-foresti abbażi tal-pjanijiet kontabilistiċi nazzjonali tal-forestrija skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament [LULUCF] [...].

Artikolu 8

Azzjoni korrettiva

1. Jekk il-Kummissjoni ssib, wara valutazzjoni skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 u waqt li tqis l-użu maħsub tal-flessibbiltajiet imsemmi fl-Artikoli 5 sa 7 ta' dan ir-Regolament li Stat Membru ma jkunx qed jagħmel progress suffiċjenti, dak l-Istat Membru għandu, fi żmien tliet xhur, jippreżenta pjan ta' azzjoni korrettiva lill-Kummissjoni li jinkludi:
 - (a) azzjonijiet li l-Istat Membru għandu jimplimenta sabiex iwettaq l-obbligi speċifiċi tiegħu skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, permezz ta' politiki u miżuri domestiċi u l-implimentazzjoni tal-azzjoni tal-Unjoni;
 - (b) skeda ta' implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet, li tippermetti l-valutazzjoni tal-progress annwali fl-implimentazzjoni.
2. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tgħin lill-Kummissjoni fil-ħidma tagħha biex tivvaluta kwalunkwe pjan ta' azzjoni bħal dan skont il-programm ta' ħidma annwali tagħha.
3. Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni dwar il-pjanijiet ippreżentati f'konformità mal-paragrafu 1 u f'dak il-każ għandha tagħmel dan fi żmien erba' xhur minn meta tirċievi dawk il-pjanijiet.

Artikolu 9

Kontroll tal-konformità

1. Fl-2027 u fl-2032, jekk l-emissjonijiet ta' gassijiet serra riveduti ta' Stat Membru jaqzbzu l-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għal kwalunkwe sena speċifika tal-perjodu, skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-flessibbiltajiet użati skont l-Artikoli 5 sa 7, għandhom japplikaw il-miżuri li ġejjin:
 - (a) żieda maċ-ċifra tal-emissjonijiet ta' Stat Membru tas-sena ta' wara ugwali għall-ammont f'tunnellati ta' ekwivalenti għas-CO₂ tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra żejda, immultiplikat b'fattur ta' 1,08, skont il-miżuri adottati skont l-Artikolu 11; u

- (b) l-Istat Membru għandu jkun temporanjament ipprobit milli jittrasferixxi xi parti mill-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu lil Stat Membru ieħor sakemm jiġi konformi mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament. L-Amministratur Ċentrali għandu jimplimenta din il-projbizzjoni fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 11.
2. Jekk l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' Stat Membru jew fil-perjodu mill-2021 sal-2025 jew fil-perjodu mill-2026 sal-2030 skont ir-Regolament [LULUCF] jaqbżu l-assorbimenti tal-gassijiet serra tiegħu, kif iddeterminati skont l-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament, għandu jkun hemm tnaqqis mill-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet ta' dak l-Istat Membru ugwali għall-ammont f'tunnellati ta' ekwivalenti għas-CO₂ ta' dawk l-emissjonijiet ta' gassijiet serra żejda għas-snin rilevanti.

Artikolu 10

Aġġustamenti

1. L-allokazzjonijiet annwali għal kull Stat Membru skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu aġġustati, biex jirriflettu:
- (a) l-aġġustamenti għan-numru ta' kwoti tal-EU ETS [...] maħruġa skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/87/KE li rriżultaw minn bidla fil-kopertura tas-sorsi skont id-Direttiva, f'konformità mad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni adottati skont dik id-Direttiva dwar l-approvazzjoni finali [...] tal-pjanijiet ta' allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu mill-2008 sal-2012 [...];
- (b) l-aġġustamenti għan-numru ta' kwoti tal-EU ETS jew krediti maħruġa rispettivament skont l-Artikoli 24 u 24a tad-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward ta' tnaqqis ta' emissjonijiet fi Stat Membru; u
- (c) l-aġġustamenti għan-numru ta' kwoti tal-EU ETS li jappartjenu għal emissjonijiet ta' gassijiet serra minn stallazzjonijiet esklużi mill-EU ETS skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2003/87/KE għaż-żmien li jiġu esklużi.
2. L-ammont li jinsab fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament għandhom jizziedu mal-allokazzjoni għas-sena 2021 għal kull Stat Membru msemmi f'dak l-Anness.

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-figuri li jirriżultaw minn dawn l-aġġustamenti.

Artikolu 10a

Riżerva ta' sikurezza addizzjonali għall-Istati Membri f'ċirkostanzi eċċezzjonali

1. Riżerva ta' sikurezza li tikkorrispondi għal kwantità ta' mhux aktar minn [100] miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ għandha tiġi stabbilita fir-Reġistru tal-Unjoni soġġett għall-ilħuq tal-mira tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1. Hija għandha tkun disponibbli flimkien mal-flessibbiltajiet previsti fl-Artikoli 5, 6 u 7 [...].
2. Stat Membru jista' jibbenefika mir-riżerva msemmija fil-paragrafu 1 dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) jekk il-PDG per capita bil-prezzijiet tas-suq fl-2013, kif ippublikat mill-EUROSTAT f'April 2016, kien inqas mill-medja tal-Unjoni;
 - (b) jekk l-emissjonijiet kumulattivi tiegħu għas-snin 2013 sa 2020 fis-setturi koperti minn dan ir-Regolament huma inqas mill-allokazzjonijiet kumulattivi annwali tal-emissjonijiet tiegħu għas-snin 2013 sa 2020; u
 - (c) jekk ikun eżawrixxa l-flessibbiltajiet skont l-Artikolu 5(2) u 5(3), ikun għamel l-użu massimu possibbli mill-assorbimenti netti skont l-Artikolu 7 anke jekk dik il-kwantità ma tilħaqx il-livell stabbilit fl-Anness III, ma jkun għamel l-ebda trasferiment nett lejn Stati Membri oħra skont l-Artikolu 5, u l-emissjonijiet tiegħu madankollu jaqbz u l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tiegħu fil-perijodu minn 2026 sa 2030.
3. Stat Membru, li jissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2, għandu jirċievi kwantità addizzjonali mir-riżerva ta' mhux aktar min-nuqqas tiegħu li għandha tintuża għall-konformità skont l-Artikolu 9. Dik il-kwantità ma għandhiex taqbeż l-20% tas-superament tal-oġettiv globali tiegħu fil-perijodu mill-2013 sal-2020. Jekk il-kwantità kollettiva li tirriżulta tal-Istati Membri kollha li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2 taqbeż il-limitu msemmi fil-paragrafu 1, il-kwantità għal kull wiehied minn dawk l-Istati Membri għandha titnaqqas fuq bażi pro rata.

Kwalunkwe ammont li jifdal fir-riżerva wara d-distribuzzjoni stipulata fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi ddistribwita fost l-Istati Membri msemija f'dak is-subparagrafu b'mod proporzjonat għan-nuqqas li jifdal imma mingħajr ma jinqabeż. Tali kwantità tista', għal kull wieħed minn dawk l-Istati Membri, tkun addizzjonali għall-perċentwal imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

4. Wara li jitlesta r-rieżami msemmi fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 525/2013 għas-sena 2020, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-ammonti massimi msemija fit-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għal kull Stat Membru msemmi fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2.

Artikolu 11

Ir-Reġistru

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12 biex tissupplimenta dan ir-Regolament sabiex tiżgura l-kontabbiltà preċiża skont dan ir-Regolament permezz tar-Reġistru tal-Unjoni stabbilit skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 f'dak li jirrigwarda:
- (a) l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet;
 - (b) il-flessibbiltajiet eżerċitati skont l-Artikoli 5 sa 7 ta' dan ir-Regolament;
 - (c) il-kontrolli tal-konformità skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament; u
 - (d) l-aġġustamenti skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament;
 - (e) ir-riżerva ta' sikurezza skont l-Artikolu 10a ta' dan ir-Regolament.
- 1a. L-Amministratur Ċentrali għandu jwettaq kontroll awtomatizzat fuq kull tranżazzjoni skont dan ir-Regolament u, fejn meħtieġ, iwaqqaf xi tranżazzjonijiet biex jiżgura li ma jkunx hemm irregolaritajiet.
2. L-informazzjoni msemija fil-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 1 u fil-paragrafu 1a għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku.

L-eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni ngħatat is-setgħa li tadotta l-atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati msemija fl-Artikoli 7(2) u 11 [...] tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħat msemija fl-Artikoli 7(2) u 11 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' atti delegati diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat li jkun ġie adottat skont l-Artikoli 7(2) u 11 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew xi oġġezzjoni f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li ma għandhomx oġġezzjonijiet. Dak il-perjodu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 13

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 525/2013. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 14

Reviżjoni

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinżammu taħt reviżjoni filwaqt li titqies fost l-oħrajn l-evoluzzjoni taċ-ċirkostanzi nazzjonali, tal-iżviluppi internazzjonali u tal-isforzi li jsiru biex jinkisbu l-oġettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi.
2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien sitt xhur wara kull analiżi globali maqbula skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi dwar l-operat ta' dan ir-Regolament, il-kontribut tiegħu għall-mira globali tal-Unjoni għall-2030 ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-kontribut tiegħu għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa ta' politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni bil-għan tat-tnaqqis meħtieġ tal-gassijiet serra mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u tista' tagħmel proposti jekk ikun meħtieġ.

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 525/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 7(1) huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(aa) mill-2023, l-emissjonijiet antropoġeniċi tagħhom ta' gassijiet serra msemmijin fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ESR] [...] għas-sena X-2, skont ir-rekwiżiti ta' rapportar tal-UNFCCC;"

(b) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri kull sena għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni fir-rapporti tagħhom bl-intenzjonijiet tagħhom li jagħmlu użu mill-flessibbiltajiet fl-Artikolu 5(4) u (5) tar-Regolament [ESR]. Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi dik l-informazzjoni mingħand l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tqiegħed l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 26".

(2) Fl-Artikolu 13(1)(c), jiżdied il-punt [...] li ġej:

"(viii) mill-2023, l-informazzjoni dwar il-politiki u l-miżuri nazzjonali implimentati għat-twettiq tal-obbligi tagħhom skont ir-Regolament [ESR] [...] u l-informazzjoni dwar il-politiki u l-miżuri nazzjonali addizzjonali ppjanati previsti bil-għan li jillimitaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra aktar mill-impenji tagħhom skont dak ir-Regolament [...] (tmexxa għall-paragrafu 1(b) hawn fuq)."

(3) Fl-Artikolu 14(1), jiżdied il-punt li ġej:

"(f) mill-2023, projezzjonijiet totali ta' gassijiet serra u stimi separati għall-emissjonijiet proġettati ta' gassijiet serra għall-fonti tal-emissjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87/KE u mir-Regolament [ESR] [...].

(4) Fl-Artikolu 21(1) [...], jiddaħħal il-punt li ġej:

"(c) l-obbligi skont l-Artikolu 4 tar-Regolament [ESR] [...] L-evalwazzjoni għandha tqis il-progress fil-politiki u l-miżuri tal-Unjoni u informazzjoni mill-Istati Membri. Kull sentejn, l-evalwazzjoni għandha tinkludi l-progress proġettat tal-Unjoni lejn l-implimentazzjoni tal-Kontribut Maħsub Determinat fil-Livell Nazzjonali lejn il-Ftehim ta' Pariġi li jħaddan l-impenn tal-Unjoni għal tnaqqis fl-emissjonijiet fl-ekonomija kollha u tal-progress proġettat tal-Istati Membri lejn it-twettiq tal-obbligi tagħhom skont dak ir-Regolament."

Artikolu 16

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

*ANNESS I***TNAQQIS FL-EMISSIONIJET TAL-GASSIJET SERRA TAL-ISTATI MEMBRI SKONT
L-ARTIKOLU 4**

	It-tnaqqis tal-emissionijiet tal-gassijiet serra tal-Istati Membri fl-2030 taħt il-livelli tagħhom fl-2005 stabbiliti skont l-Artikolu 4(3)
Il-Belġju	-35%
Il-Bulgarija	-0%
Ir-Repubblika Ċeka	-14%
Id-Danimarka	-39%
Il-Ġermanja	-38%
L-Estonja	-13%
L-Irlanda	-30%
Il-Greċja	-16%
Spanja	-26%
Franza	-37%
Il-Kroazja	-7%
L-Italja	-33%
Ċipru	-24%
Il-Latvja	-6%
Il-Litwanja	-9%
Il-Lussemburgu	-40%
L-Ungerija	-7%
Malta	-19%
In-Netherlands	-36%
L-Awstrija	-36%
Il-Polonja	-7%
Il-Portugall	-17%
Ir-Rumanija	-2%
Is-Slovenja	-15%
Is-Slovakkja	-12%
Il-Finlandja	-39%
L-Iżvezja	-40%
Ir-Renju Unit	-37%

ANNEX II

L-ISTATI MEMBRI LI JISTA' JKOLLHOM KANĊELLAZZJONI LIMITATA TAL-KWOTI TAL-ETS LI JITQIESU GĦALL-KONFORMITÀ SKONT L-ARTIKOLU 6

	Perċentwal massimu tal-emissjonijiet iddeterminati għall-2005 skont l-Artikolu 4(3) ta' dan ir-Regolament
Il-Belġju	2%
Id-Danimarka	2%
L-Irlanda	4%
Il-Lussemburgu	4%
Malta	2%
In-Netherlands	2%
L-Awstrija	2%
Il-Finlandja	2%
L-Iżvezja	2%

Anness III

L-ASSORBIMENTI NETTI TOTALI MINN ARTIJET DEFORESTATI, ARTIJET AFFORESTATI, RABA' ĠESTITA U BUR ĠESTIT LI L-ISTATI MEMBRI JISTGĦU JQISU GĦALL-KONFORMITÀ GĦALL-PERJODU 2021–2030 SKONT L-ARTIKOLU 7

	Ammont massimu espress f'miljuni ta' tunnelli ta' ekwivalenti għas-CO ₂
Il-Belġju	3,8
Il-Bulgarija	4,1
Ir-Repubblika Ċeka	2,6
Id-Danimarka	14,6
Il-Ġermanja	22,3
L-Estonja	0,9
L-Irlanda	26,8
Il-Greċja	6,7
Spanja	29,1
Franza	58,2
Il-Kroazja	0,9
L-Italja	11,5
Ċipru	0,6
Il-Latvja	3,1
Il-Litwanja	6,5
Il-Lussemburgu	0,25
L-Ungerija	2,1
Malta	0,03
In-Netherlands	13,4
L-Awstrija	2,5
Il-Polonja	21,7
Il-Portugall	5,2
Ir-Rumanija	13,2
Is-Slovenja	1,3
Is-Slovakkja	1,2
Il-Finlandja	4,5
L-Iżvezja	4,9
Ir-Renju Unit	17,8
Total massimu:	280

ANNESS IV

TOTAL TAL-AĠĠUSTAMENT SKONT IL-PARAGRAFU 2 TAL-ARTIKOLU 10

	It-total tal-aġġustament skont l-Artikolu 10(2), espress f'tunnellati ta' ekwivalenza għal CO ₂
Il-Bulgarija	1602912
Ir-Repubblika Ċeka	4440079
L-Estonja	145944
Il-Kroazja	1148708
Il-Latvja	547061
Il-Litwanja	2165895
L-Ungerija	6705956
Il-Polonja	7456340
Il-Portugall	1655253
Ir-Rumanija	10932743
Is-Slovenja	178809
Is-Slovakkja	2160210
